MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Talba Numru. 80/2005

**Anthony Sciberras**

**vs**

**B’digriet moghti fis-26 ta’ Ottubru 2005, Dr. Chris Said gie nominat bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefra Gerhard Nakerst u Renata Cornelia Ramasamy-Nakerst illi f’Malta ghandhom l-indirizz 1, Dun Luqa Street Sannat.**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Ghid intom konvenuta ghaliex ma ghandkomx tigu kkundanata thallsu l-ammont ta’ Lm163.80c – in kwantu ghal Lm100 rapprezentanti danni sofferti mill-attur per konsegwenza tal-ispoll vjolenti u klandestin kommess minnkom ghad-dannu tieghu meta f’Awissu 2001 qlajtu l-pipes illi minnhom kien jiehu l-ilma sabiex isaqqi r-raba’

tieghu u cahhadtuh mill-access ghal dan l-ilma ghal erba' snin shah, u aktar, kwantu ghal Lm20.30c bilanc minn ammont akbar ta' spejjez gudizzjarji fil-kawza "Anthony Sciberras et vs Dr. Monica Vella et", Citaz. Nru. 42/2005 deciza fl-4 ta' Mejju 2004; u l-bilanc ta' Lm43.30c bhala spejjez gudizzjarji fi proceduri necessitati in segwitu ghal dik il-kawza minhabba n-nuqqas taghkom illi tikkonfermaw ruhkom mas-sentenza tal-Qorti.

Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-11 ta' Awissu 2005, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minnissa inti ingunta."

Ra r-risposta tal-kuratur tal-elenku fis-sens li ma kienx edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk jirrimettu ruhu ghall-provi migjuba u salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Ra l-ewwel zewg eccezzjonijiet kontenuti fir-risposta ulterjuri pprezentata minn Dr Monica Vella

Sema' l-provi u ha konjizzjoni tal-process tal-kawza fl-ismijiet Anthony Sciberras vs Dr Monica Vella noe deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fl-4 ta' Mejju 2004 kif ukoll ir-rikors u digriet sussegwenti mahrug mill-istess Qorti

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Frar 2006 mizmuma minn dan it-Tribunal li permezz taghha l-kawza thalliet ghad-decizjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni

Ikkunsidra

Illi ghalkemm din il-kawza thalliet ghad-decizjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jippekka kontra l-logika guridika li jkun hemm decizjoni dwar il-preskrizzjoni minghajr ma qabel ikun decizjoni dwar ir-*res judicata* mqanqla mill-konvenuti.

Illi d-decizjoni li qieghdha titpogga bhala ostaklu ghall-gudikat hija mertu ta' digriet rilaxxjat wara s-sentenza fuq

imsemmija, li cahad it-talba ta' Anthony Sciberras, li issa huwa attur f'din il-kawza, sabiex il-Qorti tiffissa jum u hin li fihom l-attur seta' jesegwixxi x-xoghol kif awtorizzat permezz tal-istess sentenza. It-talba odjerna hija ghal l-hlas ta' bilanc ta' spejjez gudizzjarji tal-ewwel kawza, ta' spejjez gudizzjarji li saru wara l-istess kawza, kif ukoll tad-danni konsegwenzjali ghan-nuqqas ta' access ghal font ta' ilma u dan bi ksur tal-ordni rilaxxjata mill-Qorti fil-kawza ta' spoll gia msemmija. It-talba odjerna hija ghalhekk *toto cielo* differenti mit-talba mressqa fl-ewwel kawza u fl-atti tad-digriet sussegwenti. Ghalhekk jonqos almenu wiehed mill-elementi tar-res judicata. Dan apparti li d-digriet mhux sentenza u r-*res judicata* ghandha tapplika biss ghal kwistjonijiet definittivament risolti permezz ta' kawza, mhux ukoll ghal ordnijiet emessi permezz ta' digriet sabiex parti tottempera ruhha ma' sentenza.

Kwantu ghall-preskrizzjoni, il-konvenuti fir-risposta taghhom iccitaw l-artikli 2148(a) u/ jew 2148(b) tal-Kap 16 imbaghad, f'dik li suppost hija nota ta' sottomissjonijiet in sostenn tar-risposta taghhom, iccitaw zewg artikli ohra u cioe' l-artikli 2153 u 2149(c) tal-Kap 16.

Ghandu jinghad li l-eccezzjonijiet formali m'ghandhomx jigu moghtija f'nota ta'osservazzjonijiet, fejn ordinarjament ikun hemm semplici argumenti fuq kwistjonijiet gia mqanqla – **Emmanuele Busuttil vs Francesco Mercieca – Qorti tal-Appell 15.04.1950 – XXXIV.i.410.**

Ma hemmx dubbju li la l-paragrafu (a) u l-anqas paragrafu (b) tal-artiklu 2148 imressqa fir-risposta ulterjuri ma jinkwadraw ruhhom ghall-kaz prezenti.

L-anqas ma jinkwadra ruhu l-artiklu 2149(c).

U fl-ahharnett l-anqas huwa applikabbli l-artiklu 2153 billi l-ispoll jikkostitwixxi offiza kriminali skond artiklu 85 tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni dwar ir-res judicata kif ukoll l-eccezzjonijiet kollha dwar il-preskrizzjoni huma respinti.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------